MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru. 47/2007

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Sean Grima

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Sean Grima, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 497884M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-14 ta' Jannar, 2007 ghall-habta tat-3 ta' wara nofsinhar (3 p.m.) fin-Naxxar, flimkien ma' persuni ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq aggravat minn go residenza privata, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga accidentali indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeccedi l-elf lira (LM1000);

U aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fil-bieb ta' barra ta' residenza privata, liema hsara tammonta ghall-aktar minn ghaxar liri (LM10) izda anqas minn hamsin lira (LM50);

U akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 13 ta' Gunju, 2003 u 20 ta' April, 2005.

Il-Qorti rat l-artikoli 263, 267, 269 u 42 tal-Kapitlu 9 u fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dan wara illi l-Qorti spjegatlu l-importanza ta' l-ammissjoni tieghu skond il-ligi u taghtu zmien xieraq biex jikkunsidra riedx jirtira l-ammissjoni u l-imputat baqa' jtenni li kien hati.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat huwa ta' eta' zghira, qed irabbi familja, li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u li huwa kkopera mal-Pulizija, u jidrilha li jkun ghaqli li l-imputat jigi segwit minn ufficjal tal-*Probation* u ghalhekk peress li l-prigunerija mhux idoneja ghall-akkadut, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 qeghda taghmel ordni ta' *probation* li permess tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta' tlett snin millum. Sean Grima ghandu jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Sean Grima kull xahrejn bil-miktub.

Sean Grima ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation* ghall-hati.

Il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitlu 9 trodna illi l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali *ai termini* ta' l-Artikolu 401 (3) tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------